31989R2122

L 203/21 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 15.7.1989

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2122/89
ta' l-14 ta' Lulju 1989
li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 3440/84 dwar it-twaħħil ta' tagħmir max-xbieki tat-tkarkir, it-tartaruni tal-baħar miftuħ u xbieki simili

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 170/83 tal-25 ta' Jannar 1983 li jistabbilixxi sistema Komunitarja għall-konservazzjoni u t-tmexxija tar-riżorsi tas-sajd [1], kif emendat bl-Att ta' l-Aċċessjoni ta' Spanja u tal-Portugall,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3094/86 tas-7 ta' Ottubru 1986 li jistabbilixxi ċerti miżuri tekniċi għall-konservazzjoni tar-risorsi ta' sajd [2], kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 4193/88 [3], u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi saru konsultazjonijiet man-Norveġja u ma' l-Isvezja rigward is-sajd fl-Iskagerrak u l-Kattegat fi Brussel f'Mejju ta' l-1982 u fi Stokkolma f'Novembru ta' l-1988; billi, bil-ħsieb tar-riżultati ta' dawn il-konsultazzjonijiet huwa meħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3440/84 [4], kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 955/87 [5];

Billi l-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija tar-Riżorsi tas-Sajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 3440/84 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

1. Il-paragrafi li ġejjin għandhom jiġu miżjuda mal-Artikolu 5:

"6. Minkejja l-paragrafu 1, fl-Iskagerrak u fil-Kattegat huwa pprojbit li jintuża *chafer* tat-tip A għal fuq in-naħa ta' fuq;

7. Fl-Iskagerrak u l-Kattegat huwa pprojbit li jitwaħħal *chafer* fuq in-naħa ta' fuq max-xbieki li għandhom malju ikbar minn 70 millimetru."

2. L-Artikolu 6 huwa mibdul b'dan li ġej:

"*L-Artikolu 6*

Ix-xkora tat-tiswih

1. Xkora li ssaħħaħ hija biċċa xibka ċilindrika li ddawwar kompletament il-borża ta' wara tax-xibka u li tista' titwaħħal mal-borża ta' wara f'intervalli taż-żmian. Għandu jkollha mill-inqas l-istess dimensjonijiet ta' dik il-parti tal-borża ta' wara li magħha tkun mehmuża.

2. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3 u 4 m'għandhomx japplikaw fl-Iskagerrak u l-Kattegat.

3. Huwa pprojbit li jintużaw aktar minn xkora waħda ta' tiswih għajr meta jitwaħħlu max-xbieki tat-tkarkir li għandhom kejl ta' malju egwali għal 60 millimetru jew inqas, li għalihom jistgħu jintużaw żewġ xkejjer tat-tiswih.

4. Id-daqs tal-malju għandu jkun egwali għal ta' l-anqas darbtejn dak tat-tarf tal borża ta' l-aħħar. Jekk it-tieni xkora li ssaħħaħ hija użata, id-daqs minimu tal-malju għandu jkun 120 millimetru.

5. Id-dispożizzjonijiet ta' paragrafi 6, 7, 8 u 9 għandhom japplikaw biss fl-Iskagerrak u l-Kattegat.

6. Huwa pprojbit li tehmeż xkora li ssaħħaħ ma xbieki b'daqs tal-malju li hu akbar minn 70 millimetru.

7. Huwa pprojbit li tuża xkora li ssaħħaħ u *chafer* bin-naħa ta' fuq flimkien.

8. Huwa pprojbit li tehmeż xkora li ssaħħaħ li tiegħu d-daqs tal-malju hu inqas minn 80 millimetru.

9. Huwa pprojbit li jintuża aktar minn xkora li ssaħħaħ waħda ħlief meta meħmuża max-xbieki li għandhom kejl tal-malju ta' inqas minn 16 millimetru, li għalihom żewġ xkejjer li jsaħħu jistgħu jintużaw. Minkejja il-paragrafu 8, id-daqs tal-malju ta' wieħed minn dawn l-ixkejjer li jsaħħu jista' jkun inqas minn 80 millimetru imma mhux inqas minn 35 millimetru.

10. Huwa pprojbit li tuża xkora li ssaħħaħ li testendi l-quddiem is-sakku (tat-tmiem).

11. Jekk xkora li ssaħħaħ hija kostruwita minn sezzjonijiet ta' xbieki ċilindriċi, is-sezzjonijiet m'għandhomx jitrikkbu b'aktar minn erba' malji fil-punti miżjuda.

12. Xkejjer li jsaħħu miżjuda ma' xbieki li għandhom daqs tal-malju aktar minn 60 millimetru m'għandhomx jestendu aktar minn żewġ metri fuq quddiem l-istrixxa li tgħolli ta' wara.

13. Minkejja l-paragrafu 1, xkejjer li jsaħħu iżgħar mid-dimensjonijiet tas-sakku jistgħu jiġu miżjuda ma' xbieki li għandhom daqs ta' malju ugwali jew inqas minn 60 millimetri."

3. Il-paragrafu li ġej jiżdied ma' l-Artikolu 11:

"4. Fl-Iskagerrak u l-Kattegat it-tul tal-ġewnaħ m'għandux jestendi aktar mit-tul ta' 20 malju fis-sakku."

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-30 jum ta' wara li jiġi ppublikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

---

[1] ĠU L 24, tas-27.1.1983, p. 1.
[2] ĠU L 288, tal-11.10.1986, p. 1.
[3] ĠU L 369, tal-31.12.1988, p. 1.
[4] ĠU L 318, tas-7.12.1984, p. 23.
[5] ĠU L 90, tat-2.4.1987, p. 29.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttamenti fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-14 ta' Lulju 1989.

Għall-Kummissjoni

Manuel MARÍN

Viċi-President